22001D0025

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 25/2001

tat-30 ta' Marzu 2001

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet Veterinarji u Fitosanitarji) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 189/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/628/KE tat-28 ta' Lulju 1997 li temenda d-Deċiżjoni 93/70/KEE dwar kodifikazzjoni għall-messaġġ "Animo" ([2]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/168/KE tas-17 ta' Frar 1998 li temenda d-Deċiżjoni 93/70/KEE dwar kodifikazzjoni għall-messaġġ "Animo" sabiex jinkludi ċerti tipi ta' prodotti ta' skart mammiferi ([3]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/874/KE ta' l-17 ta' Diċembru 1999 li temenda d-Deċiżjoni 93/70/KEE dwar kodifikazzjoni għall-messaġġ "Animo" sabiex jinkludi ċerti tipi ta' protejina pproċessata mammifera ([4]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

([1]) ĠU L 74, tal-15.3.2001, p. 24.
([2]) ĠU L 261, tat-23.9.1997, p. 1.
([3]) ĠU L 62, tat-3.3.1998, p. 37.
([4]) ĠU L 340, tal-31.12.1999, p. 109.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/25/KE tas-16 ta' Diċembru 1999 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE dwar it-transtbaħħir ta' prodotti f'Post ta' Spezzjoni mal-Fruntjieri fejn kunsinni huma maħsuba għall-importazzjoni eventwali fil-Komunità Ewropea, u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/14/KEE ([5]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/208/KE ta' l-24 ta' Frar 2000 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE dwar it-tranżitu ta' prodotti li joriġinaw mill-amminali minn pajjiż terz għal ieħor bit-triq biss u li jaqsam il-Komunità Ewropea ([6]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

(7) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 17 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/14/KEE) fil-Parti 1.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim:

", kif emendat bi:

– **32000 D 0025**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/25/KE tas-16 ta' Diċembru 1999 (ĠU L 9, tat-13.1.2000, p. 27)."

Artikolu 2

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda fil-punt 18 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/70/KEE) fil-Parti 1.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim:

"– **397 D 0628**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/628/KE tat-28 ta' Lulju 1997 (ĠU L 261, tat-23.9.1997, p. 1),

– **398 D 0168**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/168/KE tas-17 ta' Frar 1998 (ĠU L 62, tat-3.3.1998, p. 37),

– **399 D 0874**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/874/KE ta' l-10 ta' Diċembru 1999 (ĠU L 340, tal-31.12.1999, p. 109)."

Artikolu 3

Il-punti li ġejjin għandhom jiġu miżjudin wara l-punt 86 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/653/KE) fil-Parti 1.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim:

"87. **32000 D 0025**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/25/KE tas-16 ta' Diċembru 1999 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE dwar it-transtbaħħir ta' prodotti f'Post ta' Spezzjoni mal-Fruntjieri fejn kunsinni huma maħsuba għall-importazzjoni eventwali fil-Komunità Ewropea, u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/14/KEE (ĠU L 9, tat-13.1.2000, p. 27).

Dan l-att japplika wkoll għall-Islanda għaż-żoni koperti mill-atti speċifiċi li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2 tal-Parti tad-Dħul.

88. **32000 D 0208**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/208/KE ta' l-24 ta' Frar 2000 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE dwar it-tranżitu ta' prodotti li joriġinaw mill-amminali minn pajjiż terz għal ieħor bit-triq biss u li jaqsam il-Komunità Ewropea (ĠU L 64, tal-11.3.2000, p. 20).

([5]) ĠU L 9, tat-13.1.2000, p. 27.
([6]) ĠU L 64, tal-11.3.2000, p. 20.

Dan l-att japplika wkoll għall-Islanda għaż-żoni koperti mill-atti speċifiċi li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2 tal-Parti tad-dħul."

Artikolu 4

It-testi tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 97/628/KE, 2000/98/KE u 2000/1999/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-31 ta' Marzu 2001, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, 30 ta' Marzu 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) No constitutional requirements indicated.